Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1108/2004

**Café Bar (Malta) Limited**

**vs**

**Learn Key Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00) u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` konvenuta tikri permezz ta' kuntratt magna tal-kafe minghand is-socjeta` attrici;**
**Illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas il-kera ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00) li kienet dovuta fil-11 ta' Ottubru, 2003, ghalkemm interpellata kemm il-darba;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-24 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentax risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00) bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Gunju, 2004.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------